MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

## Bank Invest Capital Ltd

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") hi mgħarrfa dwar entità li qed topera taħt l-isem **Bank Invest Capital Ltd**, liema entità qed tgħid li għandha indirizz f'Valletta – Malta, u li tgħid li hija liċenzjata mill-MFSA.

L-MFSA tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku, f'Malta u barra minn Malta, illi l-entità msemmija hawn fuq MHIX kumpanija reġistrata f'Malta u LANQAS ma hi entità liċenzjata mill-MFSA biex tipprovdi xi tip ta' servizz finanzjarju li jeħtieġ awtorizzazzjoni jew liċenzja skont it-termini tal-liġi. Għaldaqstant, l-MFSA twissi lill-pubbliku biex ma jidħolx fi transazzjonijiet jew ikollu x'jaqsam b'xi mod ieħor ma' din l-entità.

Konsumaturi tas-servizzi finanzjarji huma mfakkra biex jużaw kawtela qabel ma jidħlu f'xi transazzjoni ta' servizzi finanzjarji qabel ma jkunu aċċertaw lilhom infushom li l-entità li magħha qed issir it-transazzjoni hija awtorizzata tipprovdi dawk is-servizzi finanzjarji mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji ta' reputazzjoni tajba.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-istess Awtorità u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 02-2015**
**7 ta' Mejju 2015**